**22 ta' Frar, 1957**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Onor. Wenzu De Brincat, M.L.A.

*versus*

Onor. Dr. Carmelo Caruana, B.A., LL.D., M.L.A.

**Inġurja bl-Istampa — Penali — Proċedura — Ċitazzjoni — Nullità — Art. 23 tal-Kap. 117.**

*Il-Liġi tal-Istampa tassoġġetta għall-ħlas ta' penali ta' mhux iżjed minn £50 lill-editur ta' gazzetta li jonqos milli jottempera ruħu għall-ordni tal-Qorti, lilu mogħti f'sentenza, li jippublika dik l-istess sentenza, jew sunt komprensiv tagħha, mingħajr ħlas, f'waħda mill-ħarġiet tal-ġurnal, u mhux aktar tard mit-tieni waħda wara s-sentenza, u bil-modalità l-oħra li tgħid l-istess liġi.*

*L-istess liġi tgħid illi l-azzjoni għall-ħlas tal-penali tiġi eżerċitata mill-kwerelant quddiem il-Qorti li tkun tat dak l-ordni; iżda ma tispeċifikax b'liema att għandha tiġi ntavolata l-azzjoni.*

*Iżda l-Kodiċi Kriminali jippreskrivi illi s-sentenzi ta' qrati ta'*

*ġurisdizzjoni kriminali jistgħu jiġu eżegwiti bil-mezzi ċivili; u fin-nuqqas ta' speċifikazzjoni ta' forma oħra fil-liġi, allura l-proċedura tkun b'ċitazzjoni.*

*U lanqas ma hemm bżonn illi din tkun ċitazzjoni ta' forma kriminali; għax tant din kemm iċ-ċitazzjoni ta' forma ċivili jissoddisfaw għall-eżiġenzi fondamentali tagħha. Anzi, f'każ ta' domanda għall-ħlas ta' penali kif hawn fuq jingħad, hu talvolta aħjar li l-ordni ta' kumparizzjoni lill-konvenut jirrivesti l-forma taċ-ċitazzjoni ċivili.*

*Għaldaqstant mhix nulla u bla effett iċ-ċitazzjoni ta' forma ċivili għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur espona illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju 1957 (dok. A) din il-Qorti, wara li sabet lill-konvenut ħati talli l-Ħamrun u bnadijiet oħra, bħala editur tal-gazzetta "Malta Tagħna", fin-numru tat-2 ta' Frar 1957, fl-artikolu li jismu "Il-poplu għandu raġun", stampat fir-raba' paġina, inġurja lill-attur gravement, ordnat lill-istess konvenut sabiex f'numru ta' wara tal-istess ġurnal, u mhux iżjed tard mittieni wieħed wara s-sentenza, jippublika, skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 tal-Kap. 117 tal-Liġijiet Riveduti, issentenza jew sunt komprensiv tagħha; illi l-konvenut naqas li jobdi l-istess ordni ta' din il-Qorti, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u talab illi l-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-attur penali ta' mhux iżjed minn £50 skond id-dispożizzjonijiet tal-istess art. 23 tal-Kap. 117 tal-Liġijiet Riveduti. Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali kontra l-konvenut, li jibqa' mħarrek għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li fiha ssolleva l-eċċezzjoni preliminari illi ċ-ċitazzjoni hi nulla u bla effett, għaliex din il-proċedura ma teżistix quddiem din l-Onorabbli Qorti, u għalhekk talab li jiġi liberat "ab observantia"; bl-ispejjeż;

Trattata l-kawża;

Ikkunsidrat, fuq il-preġudizzjali;

L-attur qiegħed ifittex għall-penali kontemplata fit-tieni subartikolu tal-art. 23 tal-Kap. 117. It-tielet subartikolu jgħid li l-azzjoni għall-ħlas tal-penali tiġi eżerċitata mill-kwerelant quddiem il-Qorti li tat l-ordni; li hi din;

Il-liġi ma speċifikatx b'liema att għandha tiġi ntavolata *l-azzjoni;*

Ma għandux jidher proċess insolitu dak issa adottat mill-attur, għax, f'każijiet analogi, il-Kodiċi Kriminali ppreskriva li sentenzi ta' qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali jiġu eżegwiti bil-mezzi ċivili (ara art. 393 u 441 Kap. 12, applikabbli anki għal liġijiet speċjali (art. 5 Kap. 37). Hu risaput tradizzjonalment li l-"praxis curiae" hi fis-sens li, f'nuqqas ta' speċifikazzjoni ta' forma oħra, allura l-proċedura tkun b'ċitazzjoni;

Dan il-prinċipju ġie sanċit minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha ordinarja aktar minn mitt sena ilu, fil-kawża "Avvocato della Corona vs. Antonio Pullicino", 6 Dicembre 1854 (inedita) — Vol. Decreti anno 1854, pp. 122-127. L-imħallef allura sedenti, Dr. mbgħad Sir Antonio Micallef, hekk qal:— "Non avendo il Codice Penale stabilito espressamente una forma speciale di procedimento per la proposizione di domande concernenti la esecuzione di sentenze, la procedura consistente nella presentazione di un atto di citazione *non può mai non* essere dichiarata come giusta e come legale. Nel silenzio di detto Codice su questo particolare, è legale il ricorrere ai principi generali riconosciuti dalla legge per l'addietro in vigore e dalla consuetudine, secondo le quali, in difetto di altre forme prescritte dalla legge, si deve e si suole procedere per citazione";

Langas jista' jingħad li imissha ġiet preżentata ċitazzjoni ta' forma kriminali; għaliex tant iċ-ċitazzjoni ta' for-ma *kriminali kemm dik ta' forma ċivili* huma ordnijiet ta' kumparizzjoni, b'dawk l-indikazzjonijiet li juru liċ-ċitat jew konvenut għal x'hiex ġie msejjaħ quddiem il-Qorti, sabiex jista' jipprepara d-difiża tiegħu. It-tnejn jissodisfaw għall-

eżiġenza fondamentali espressa fil-massima "Citatio, omni jure humano atque divino, in quolibet judicio exigitur", u fl-oħra "*Citatio non est de jure naturae principaliter propter se, sed propter defensionem, et illius modus variari potest dummodo non auferatur defensio*". U f'każ bħal dan li għandha issa quddiemha din il-Qorti, hu talvolta *aħjar li dan l-ordni ta' kumparizzjoni jirrivesti l-forma taċ-ċitazzjoni ċivili*; għal tliet raġunijiet:— (a) Għaliex iċ-ċitazzjoni ta' forma kriminali hija l-ordni tal-Pulizija Eżekuttiva biex l-imputat jidher quddiem l-Awtorità Ġudizzjarja (ara "*Pulizija vs.* Ashby", 12 Agosto 1917); *mentri* f'dan il-każ, peress li, skond il-liġi speċjali fuq ċitata, l-azzjoni għandha tiġi esperita quddiem din il-Qorti, hu aktar xieraq li l-ordni tal-kumparizzjoni jkun firmat u spedit *bl-awtorità tal-Imħallef tal-Qorti li quddiemha* ċ-ċitat hu mħarrek biex jidher; (b) trattandosi ta' ħlas ta' flus, hi aktar adattata l-forma ċivili; lanqas jista' ċ-ċitat jilmenta *mill-ispejjeż* taċ-ċitazzjoni; għax jekk il-penali hi dovuta, dan hu *debitu veru u proprju pagabbli* liċ-ċitant, u l-pagament ta' debiti simili, meta jkun koatt, soltu jġib miegħu l-proċeduri ordinarji, dawk tal-ispejjeż; (c) u għaliex fl-art. 23 tal-Kap. 117 il-kliem użati huma "L-azzjoni għal din il-penali tiġi "eżerċitata" . . . . — kliem li jadattaw ruħhom aktar għall-proċedura fil-forma ċivili, għaliex għal dik kriminali aktar hu solitu jingħad li l-azzjoni tiġi "prosegwita", sabiex tiġi ntegrata l-idea ta' prosekuzzjoni;

Is-sentenza ċitata mill-konvenut, fil-Vol. XXXII-IV-646, ma għandhiex x'taqsam; għaliex dik irriteniet li ma kienx leċitu li sentenzi jew digrieti tal-Qorti Kriminali jiġu "impunjati" b'att ta' ċitazzjoni; vwoldiri, irriteniet li ma kienx leċitu li wieħed jagħmel "appell" minn digriet jew sentenza tal-Qorti Kriminali, għax dawn ma hemmx appell minnhom, salv li ċerti kwistjonijiet huma deferiti għall-Qorti kolleġjalment komposta. L-atturi f'dik il-kawża kienu qegħdin "joħolqu rimedju ta' appell" li ma hux mogħti mill-liġi; il-fatt li għamlu hekk b'ċitazzjoni kienet ħaġa merament inċidentali. Mentri f'dan il-każ, l-attur li kien kwerelant, ma hux qiegħed joħloq xejn, iżda qiegħed jaġixxi skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata, li jekk jikkonkorru ċ-ċirkustanzi li għandhom jikkonkorru, tagħ-

tieh id-dritt li jaġixxi, salva kull kontestazzjoni leġittima tal-parti avversa, u l-uniku pont involut f'din il-kawża hu dak tal-"forma" *li biha għandha tiġi* eżerċitata l-azzjoni; imma l-azzjoni stess hija indubitatament rikonoxxuta mill-liġi; għad-differenza tal-każ l-ieħor, fejn l-appell ma kienx rikonoxxut, u dawk l-atturi ppruvaw joħolquh;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-eċċezzjoni; bl-ispejjeż bla taxxa, dritt tar-Reġistru kontra l-konvenut, atteża l-indoli tal-kwistjoni.